# AFFIDAVIT

Jien hawn taħt iffirmat Emanuel Delia, iben Victor Delia u Helen Delia née Borg, imwieled il-Pietà fid-29 ta' Ottubru tas-sena 1976 u noqgħod l-Imqabba, għandi l-karta tal-identità innumerata 0560176M, solennement niddikjara u bil-ġurament naħlef is-segwenti:

Jien nokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv tal-organizzazzjoni volontarja REPUBBLIKA, li hi reġistrata mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi bl-ittri 'L' 'P' 'A' u numri wieħed tnejn tnejn (LPA-122) u mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji bl-ittri 'V' 'O' u numri wieħed sitta sebgħa zero (VO 1670).

Nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) fid-disgħa u nofs u ħamsa ta' filgħodu (9:35a.m.) jiena, il-President ta' Repubblika Robert Aquilina, il-Viċi President ta' Repubblika Alessandra Dee Crespo, il-membru tal-Kumitat Eżekuttiv Vicki Ann Cremona, u l-attivist u membru ta' REPUBBLIKA Frank Piscopo konna preżenti l-Qorti mid-disgħa u kwart ta' filgħodu (9:15a.m.) 'l quddiem biex nattendu għal seduta quddiem il-Maġitsrat Nadine Lia. Kien hemm magħna l-Avukat Jason Azzopardi.

Dħalt fl-awla qabel id-disgħa u nofs u ħamsa ta' filgħodu (9:35a.m.) fejn diġà kienu daħlu qabli Robert Aquilina u Jason Azzopardi. Ftit wara daħlu sħabi l-oħra.

F'ħin minnhom beda jinstema' l-każ tagħna.

F'dak il-mument il-Maġistrat Nadine Lia qrat dikjarazzjoni li kienet qed tinforma lill-partijiet li kienet irċeviet ittra anonima u li kienet qed tinforma biha lill-President ta' Malta.

Meta l-Maġistrat spiċċat taqra d-dikjarazzjoni tagħha Jason Azzopardi indika b'mod ċar bil-kliem u bil-ġesti li ried jitkellem.

Iżda l-Maġistrat Nadine Lia mill-ewwel qalet li kienet "lesta", sabbtet il-fajl li kellha f'idha u qalet li qed tissospendi għal 5 minuti. Dak il-ħin qamet u ħarġet malajr mill-awla. Dan kollu dam anqas minn minuta.

Jiena, sħabi u l-Avukat Azzopardi ħriġna barra mill-awla u inżilna sular 'l isfel.

**Emanuel Delia**
**ID 0560176M**